# DUN MARIO TABONE 'Dun Marozz'



*Mario **Tabone**, iben Angelo Tabone u Tereża, twieled fit-30 ta' Settembru, **1812**. Beda jistudja għal saċerdot, u fil-fatt, fil-lista taż-Żwieten tas- sena 1833, meta allura kellu 21 sena, jissejjaħ **"Clericus"**, li kien jgħix flimkien ma Dun Manuel Ricard u Dun Vinċens Mamo, nepputi ta' Dun Manwel, F' **"Casa 8" Triq Sant Antnin, fiż-Żejtun**. Min kienu dawn iż-żewġ saċerdoti Dun Manwel Ricard u Dun Vinċens Mamo, li magħhom iż-żagħżugħ Mario kien joqgħod?*

## *Dun Manwel Ricard*

***Dun Manwel Ricard**, saċerdot ħafna ta' l-affari tiegħu, propjament kien twieled fis-sena 1763, **fil-Furjana**, meta allura l-Furjana kienet għadha parti mill-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt, iżda fis-sena 1802 diġa niltaqgħu miegħu **fiż-Żejtun, fejn qatta' l-aħħar 35 sena tal-ħajja straordinarja tiegħu**. Kien saċerdot intelliġenti ħafna, bravu fil-Lingwa Ngliża, ħaġa rari f'dawk iż-żminijiet. Sar interpretu ta' Alexander Ball fi żmien il-ġlied kontra l-Franċiżi, li aktarx kienu keċċewħ mill-Belt Valletta u hekk sab ruħu fiż-Żejtun. Fl-1802, flimkien maż-Żejtuni Mikiel Cachia, tela' Londra jitlob l-Indipendenza għal Malta, jekk l-Ingliżi kien beħsiebhom jitilqu mill-Gzejjer Maltin. Kemm dam jgħix fiż-Żejtun, dejjem kien joqgħod f'xi triq fir-Raħal t'isfel. **Miet fiż-Żejtun fis-sena 1835**, meta Mario Tabone kien jonqsu sena waħda biss sabiex isir saċerdot. Fis sena 1803, Dun Manwel kien joqgħod f' "Via del Biaggio, Pasqualino", u fis-sena 1822 "Strada ta' Tas"!*

## *Dun Vinċens Mamo*

***Dun Vinċens Mamo**, nepputi ta' Dun Manwel Ricard, kien twieled fis-sena 1804, u allura kien 41 sena iżgħar minn zijuh. Ma jidhirx li ġie fiż-Żejtun flimkien ma' zijuh, għaliex fl- 1804 Dun Manwel Ricard kien diġa ilu ftit li stabilixxa ruħu fiż-Żejtun. Ma nafux ir-raġuni għala ċ-ċkejken Vinċens sab ruħu fiż-Żejtun, jista' jkun li kienu l-faqar u l-inkwiet ta' dak iż-żmien il-kawża għaliex ġie mrobbi minn ziju tiegħu. **Ordna saċerdot nhar l-5 t'Awwissu, 1827**, u fis-sena 1833, kif għidna, jidher imniżżel fid-dar ta' zijuh Dun Manwel Ricard fi Triq Sant' Antnin, ir-Raħal t'Isfel. Magħhom kien jgħ ix Mario Tabone, li kellu jkun it-tielet sċerdot fl-istess dar!*

## *Kundizzjonijiet Soċjali fis-sena 1839*

***Mario Tabone ordna saċerdot nhar id- 19 ta' Marzu 1836**, u allura Dun Manwel Ricard, li kien laqa' lilu wkoll fid-dar tiegħu, ma' kellux ix-xorti li jara lilu wkoll, saċerdot, bħal ma kien ra lil Dun Vinċens ftit snin qabel, għaliex fis-sena 1836 Dun Manwel kien diġa ilu sena mejjet. Tliet snin wara, jiġifieri **fis-sena 1839**, meta allura kien għadu saċerdot żagħżugħ ta' 27 sena, **Dun Mario Tabone ħalla l-Gżejjer Maltin**. Kien żmien meta fiż-Żejtun kien hawn numru esaġerat ta' saċerdoti: madwar 30 qassis għall popolazzjoni ta' madwar 5,000 ruħ biss! Li kellna llum ikollna l-istess proporzjon ta' saċerdoti, kien ikollna madwar 70 qassis fiż-Żejtun, filwaqt fil-fatt għ andna biss 6! U minn dawn is-sitta diversi għandhom xogħol barra mill-parroċċa. Biex l-affarijiet ikompli jikkumplikaw ruħhom fis-sena 1839, fiż-Żejtun lanqas kien hawn Kappillan, għaliex il-Gvern Kolonjali Ngliż ried jindaħal fl-għażla tal-Kappillani, u l-Knisja rreżistiet għal dan l-indħil żejjed fl-affarijiet tagħha. Ftit wara iżda, Dun Pietru Pawl Ellul minn Bormla, sar Kappillan taż-Żejtun. U xi ngħidu għall-**faqar li kien hawn fiż-Żejtun**, u fil-bqija ta' Malta, fis-sena 1839? L-Ingliżi kienu għ*

*adhom ma ħolqux f'Malta dik il-prosperita' li l-Gżejjer Maltin bdew igawdu mal-ftuħ tal-Kanal tas-Swejz u l-iżvilupp enormi li għamlu fit-Tarzna. Il-Kundizzjonijiet soċjali prevalenti f'Malta għal ħabta tas-sena 1839, kien jiffavorixxu ħafna l-****emigrazzjoni minn dawn il-Gzejjer, u Dan Mario Tabone ħataf l-okkazjoni biex jgħin lill-Maltin,** fosthom iż-Żwieten, mill-aħjar li seta'.*

## Emigrazzjoni lejn Spanja

*Nhar it-* ***30 t'Ottubru 1839*** *vapur Ingliż, barra il-"crew" ta' 17 il-baħri, għabba minn Malta,* ***167 emigranti****, Maltin u Għawdxin, fi triqithom lejn Granada, fi Spanja. F'dawk is-snin, il-Maltin li kienu jemigraw biex ittejbu l-livell tal-ħajja tagħhom ma kienux immorru f'partijiet imbegħda bħal Awstralja jew il-Kanada, iżda kienu jemigraw għall-pajjiżi madwar il-baħar Mediterran, bħal Spanja, l-Eġittu, t-Tuneżija jew il-Libja. Fil-fatt fi Spanja hemm ħafna nies imnissla minn xi emigranti Żwieten u spiss jiktbulna biex nagħtuhom tagħrif dwar l-arblu tar-razza tagħhom. Il-167 emigranti Maltin kienu maqsuma hekk: 89 Irġiel, 36 nisa, 22 subien bejn is- 7 u l-14 il-sena, u 20 tfal taħt is-7 snin.* ***Il-parti l-kbira minn dawn l-emigranti, anzi kważi kollha, kienu mill-irħula****, sinjal tal-faqar li fih dawn in-nies kienu jgħixu. Kienu ġejjin mill-Imqabba, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi, n-Naxxar, il-Mosta, s-Siġġiewi, ż-Żurrieq,* ***iż-Żejtun*** *u Għawdex. Kien hemm ftit ferm minn Birkirkara, tnejn mill-Belt Valletta u wieħed mill-Furjana. Iżda t-tabib u s-segretarju nkarigati minnhom kienu mill-Belt Valletta, filwaqt li* ***s-saċerdot responsabbli mill-kura pastorali tagħhom, kien iż-Żejtuni Dun Mario Tabone****.*

## L-Emigranti Żwieten

*Minn dawn il-167 emigrant, 16 kienu Żwieten:* ***Antonio Psaila****, iben Giovanni, u martu* ***Giovanna****;* ***Ġużeppi Spiteri****, iben Lorenzo;* ***Antonio Camilleri****, iben Wiġi, u martu* ***Ġuż eppa****;* ***Ġużeppi Zahra****, iben Mikiel, martu* ***Marianna****, u wliedhom* ***Battista****,* ***Vincenzo****,* ***Giovanni*** *u* ***Katarina****;* ***Salvatore Tabone****, iben Anġlu, martu* ***Vincenza****, u binhom* ***Wiġi****;* ***Lorenzo Mifsud****, iben Michele;* ***Francesco Mifsud****, iben il-mejjet Michele.*
*Fost l-Emigranti kien hemm wieħed miż-Żurrieq li jismu* ***Mariozzo Bonnici****, iben il-mejjet Michelangelo; Dan l-isem iffakarna fil-laqam li kellu fiż-Żejtun Dun Mario Tabone:* ***Dun Marozz****.*

## Lura fiż-Żejtun

***Fis-sena 1854*** *nerġgħu niltaqgħu ma Dun Mario Tabone, bħala saċerdot li joqgħod Nru 36, Triq Sant' Antnin, Żejtun. Ninnotaw il-bidla fin-numru tal-bieb tad-dar. Dan setgħa kien għaliex bidlu d-dar li kienu jgħixu fiha, jew għaliex inbidlu n-numri tad-djar, ħaġa li spiss kienet issir! Ma nistax ngħid jekk meta ġie lura Malta, Dun Mario ltaqax ma Dun Vincens Mamo, għaliex il-mewt ta' Dun Vincens ma sibthiex ireġistrata fiż-Żejtun, u allura dan kien sinjal li dan kien telaq mill-parroċċa tagħna.* ***Fis-sena 1856*** *nerġgħu niltaqgħu m Dun Mario Tabone fiż-Żejtun.* ***Hekk ukoll fis-sena 1861****. Fil-fatt, fil-lista taż-Żwieten tal-1861 insibu li hu kien joqgħod f'Nru 7, Triq Sant' Antnin. Naqraw ukoll li ommu Tereża kienet diġa' mietet. Hekk hemm miktub:* **"Str. S. Antonio, No 7: Tabone: Molto Revdo Sign Sacerdoti Don Mario, figlio di Angelo, u della Su Teresa, obin conjugi".** *Xi ħadd, wara li tniżżlet din ir-reġistrazzjoni, kiteb "****Obiit****", jiġifieri li Dun Mario kien miet, iżda ma niżżilx id-data u jien imkien ma sibt il-mewt tiegħu rreġistrata fiż-Żejtun. U hekk ma nafux fejn u meta Dun Mario Tabone ħalla din id-dinja.*
*Din hi l-istorja qasira ta' wieħed mis-saċerdoti Żwieten tal-Imgħoddi. Bħalu kien hemm bosta oħrajn, li mhux wieħed u tnejn minnhom ħadmu fil-missjoni, l-aktar patrijiet. Illum kollha ntesew u jixraq għalhekk li kultant infakkru l-ħidma ta xi ħadd minnhom.*